MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009

Numru 23/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**SY-Savane Moussa**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 23 tas-sena 2008 kontra l-akkuzat SY-Savane Moussa, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Dicembru, elfejn u sebgha (2007) u matul it-tlett (3) xhur ta' qabel, l-akkuzat SY-Savane Moussa ltaqa' ma persuna ohra w ftehem li jibda jmexxi w jittraffika fid-droga kokajina f'Malta illegalment. Illi skond l-istess ftehim l-akkuzat kellu jimporta illegalment l-istess droga w jikkonsenjaha lil persuna ohra f'Malta li maghha kien hemm ftehim ukoll u dan bi profit ghalih ukoll.

Illi in esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, l-akkuzat SY- Savane Moussa gie Malta fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Dicembru, elfejn u sebgha (2007) fuq vjagg minn Tunis, KM 681, biex jittraffika l- imsemmija droga. Fortunatament l-akkuzat inqabad mill-Pulizija dakinhar tas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Dicembru, elfejn u sebgha (2007) wara hidma kongunta bejn l-ufficjali tad-Dwana ta' Malta w l- ufficjali tal-immigrazzjoni fi hdan il-Pulizija. Wara li l-akkuzat inqabad mill-forzi ta' l-ordni, dan ittiehed fis-sezzjoni tad-dwana sabiex isir aktar stharrig fuqu, fejn irrizulta li l-akkuzat kien qieghed igorr xi boroz bi trab abjad suspettat droga, mohbija taht is-suletta taz-zarbun, li kien ippakkjat fil-bagalja ta' l-akkuzat. Immedjatament issejhu l-Pulizija ta' kontra d-droga fuq il-post, fejn dawn komplew bl-istharrig taghhom.

Fil-fatt, minn analizi w ezamijiet li saru wara minn esperti forensici, gie konfermat li din is-sustanza kienet maqsuma f'hames (5) pakketti, uhud minnhom kontenenti trab abjad filwaqt li l-ohrajn kienu kontenenti trab isfar, u kienet effettivament id-droga kokajina w li kellhom l-ammont globali ta' tmin mija w tmintax-il gramma (818) w li kien jiswa valur ingenti.

Illi b'ghemilu l-imsemmi SY-Savane Moussa sar hati talli assocja ruhhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi SY-Savane Moussa hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija w tletin Euro (€2330) izda mhux izjed minn mija w sittax il-elf u hames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il- Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w ir-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi w fl-artikoli 23 u 533 tal- Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi minhabba n-natura tac-cirkostanzi li sehhew fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Dicembru, elfejn u sebgha (2007) u cioe' kif imsemmija fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuza, l-akkuzat volontarjament u xjentement ghamel vjagg minn Tuniz lejn Malta permess tat-titjira bin-numru KM681, fejn tul il-vjagg kollu kellu fil-pussess illegali xjenti tieghu bagalja kontenenti s-sustanza li nstabet u li sussegwentement irrizultat li hi d-droga kokajina, li tirraprezenta medicina perikoluza w sustanza illegali skond il-ligijiet taghna. Dan il-vjagg sar bil-kunsens tal-akkuzat stess, tant illi l-bagalja kontenenti l-imsemmija droga nstabet fil-pussess tieghu waqt illi kien ghadu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta w tul il-vjagg kollu.

Effettivament li kieku l-ufficjali tad-dwana flimkien mal-Pulizija ma' ndunawx bis-sustanza suspettuza, din is-sustanza kienet ser tghaddi f'idejn terzi persuni gewwa Malta w dan billi hu kien miftiehem illi jiltaqa' ma' persuna ohra gewwa Malta sabiex ikun jista' jghaddilu l-imsemmija droga kokajina bil-ghan li tkun ittraffikata ghal skopijiet ta' lukru.

Illi ma kien hemm l-ebda licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l- Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li

tawtorizza l-importazzjoni tad- droga perikoluza msemmija.

Illi b'ghemilu l-imsemmi SY-Savane Moussa sar hati talli importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi SY-Savane Moussa, hati talli importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' ghomor il-habs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija w tletin Euro (€2330) izda mhux izjed minn mija w sittax il-elf u hames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi w ir-Regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi w fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l- imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi finalment u dejjem b'referenza ghall-incident li sehh kif debitament imsemmi fl-ewwel zewg kapi ta' din l-Att tal-Akkuza w cioe' nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Dicembru, elfejn u sebgha (2007), minhabba l-fatt li l-

bagalja in kwistjoni kienet indubjament fil-pussess tal-akkuzat u minhabba l-fatt li s-sustanza suspettuza li nstabet mohbrija go zarbun go l-istess bagalja, w, wara l-analizi mehtiega li saru, nstab li kienet id-droga kokajina w cioe' medicina perikoluza w illegali ai termini tal-Ligijiet taghna, rrizulta li l-akkuzat kien fil-pussess illegali xjenti ta' sustanza perikoluza skond il-Ligi. Illi l-ammont tad-droga li nstabet kienet wahda konsiderevoli w cioe' fl-ammont ta' tmin mija w tmintax (818) -il gramma li certament ma kienitx ghall-uzu personali.

Anki f'dan il-kaz, l-akkuzat ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew licenzja mahruga mill-Ligi li tippermettilu jkollu fil-pussess tieghu din is- sustanza perikoluza.

Illi d-droga hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi SY-Savane Moussa sar hati talli, kellu fil- pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma' kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-dipartiment tas-Sahha w ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id- droga w ma' gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi SY-Savane Moussa hati talli, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma' kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-

importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, w meta ma' kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad- dipartiment tas-Sahha w ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id- droga w ma' gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' ghomor il-habs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija w tletin Euro (€2330) izda mhux izjed minn mija w sittax il-elf u hames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2(1), 4, 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22E, 22(2)(b)(i) u 26 ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w ir-Regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi w fl-artikoli 23 u 533 tal- Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat ir-rikors tal-5 ta' Frar, 2009, ipprezentat mill-Avukat Generali w mill-akkuzat Sy-Savane Moussa, fejn, a tenur tal-artikolu 453A (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, talbu li, fl-eventwalita' ta' ammissjoni da parti tal-akkuzat, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu ghandha tkun ta' prigunerija ghall-periodu ta' tnax (12) il-sena w multa ta' tminja w ghoxrin elf Ewro (Ewro 28,000), oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.101 tal-

Ligijiet ta’ Malta, inkluz il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjez u tal-proprjeta’ immobbli w mobbli tal-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, wara li l-Qorti spjegat lill-akuzat bi kliem car x’ikunu il-konsegwenzi tat-talba tieghu kontenuta fir-rikors fuq imsemmi, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil akkuzat Sy-Savane Moussa hati talli :-

1. fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Dicembru, tas-sena 2007, u ma tul it-tlitt xhur ta' qabel, assocja ruhu ma persuni ohra f' Malta w ma persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jittraffika medicina ossia d-droga kokaina f' Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni w dan skond l-ewwel kap tal-Att ta’ l-Akkuza;

2. talli fl-istess jum tas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Dicembru, tas-sena 2007, importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f' Malta bi ksur tad- dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l- imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett, w dan skond it-tieni kap ta’ l-Att tal-Akkuza ;

3. Kif ukoll fl-istess jum tas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Dicembru, tas-sena 2007, kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta), w meta ma

kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil- pussess tal-imsemmija sustanza; b’dan, li l-pussess kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati w dan skond it-tielet kap tal-Att ta' l-Akkuza.

Rat il-fedina penali tal-hati;

Rat illi l-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu dwar il-piena li ghandha tinghata lill-hati f’ dan il-kaz liema piena hija ndikata fir-rikors taghhom konguntiv fuq imsemmi;

Ikkonsidrat;

Illi r-reati taht l-ewwel zewg kapi tal-att ta' l-akkuza ghall-fini tal-piena huma assorbiti fir-reat taht it-tielet kap stante li servew bhala mezz ghall-fini biex seta jigi kommess ir-reat ta' pussess aggravat taht dan it-tielet kap a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn) kif ukoll ghax bejn it-tieni w t-tielet kap hemm il-konkors formali jew ideali.

Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, konformement mad-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i) u l-proviso (aa) tal-Kap.101, u senjatament l-eta’ tal-hati, l-kondotta ta’ qabel tal-hati, l-kwantita’ tal-medicina w x-xorta w l-kwantita’ tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reati u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta’ reati simili w fejn il-kwantita’ tad-drogi kienet piu’ o meno simili ghal dik involuta f’dan il-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta’ sanzjonijiet u mizuri mitluba fir-rikors konguntiv fuq imsemmi huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta’ htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2(1), 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22 (1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(3A)(a)(b)(c)(d), 22E, u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u r-Regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-artikoli 23, 453A u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-hati**, Sy-Savane Moussa, kif mitlub mill-partijiet a tenur tal-artikolu 453A tal-Kap. 9,** ghall-piena komplessiva ta’ tnax (12) il-sena prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati hawn minnu ammessi w li taghhom instab hati - u ghall-multa ta’ tminja w ghoxrin elf Ewro (Ewro 28,000), li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti fi tmintax (18) il-xahar prigunerija skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ elf, mija u zewg Ewro u erba w tmenin centezmu (EWRO 1102.84c), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------